

PROGRAMM TA' GIEĦ

GĦALL-OKKAŻJONI TAL-FESTA TA'

# SANT' ANTNIN TA' PADOVA

BIRKIRKARA 1976

# FIRM RICHARD BUSUTTIL

116, MANNARINO ROAD — BIRKIRKARA

OFFERS BEST QUALITY TUBULAR STEEL
FURNITURE AT VERY MODERATE PRICES
DURING THE TRADE FAIR 1976
WITH SPECIAL DISCOUNT

## SPECIAL TRADE FAIR DISCOUNT ON

- REFRIGERATORS
- COOKERS
- TELEVISIONS
- WASHING MACHINES
- FOOD MIXERS, ETC.

INDESIT — ZOPPAS — ARISTON — HOOVER —
KENWOOD — TRICITY

## KELMTEJN TA' QABEL

# (Dahla) mill-Prokuratur tal-Festa

Patri Alfred Calleja O.F.M. Conv.

Għal darb'oħra qed inwassalilkom il-PROGRAMM tal-FESTA ta' SANT' ANTNIN TA' PADOVA. Għal xi wħud din il-festa tagħna hija ġdieda, għaliex huma girien godda minhabba li gew joqgħodu fil-postijiet godda ta' madwar iz-zona tal-knisja tagħna. Għalhekk permezz ta' dan il-programm nixtieq nagħti l-MERĦBA tieghi lil dawn il-ħbieb tagħna godda.

Il-ħbieb tagħna li diga' jafu bil-festa ngħidilhom li anki din is-sena sejrin nagħtuhom festa kbira u jiena konvint li sejrin nagħtuhom sodisfażżjon KBIR għall-ghajnuna li huma minn qalbhom dejjem tawna. Ngħid il-verita' li nħossni ferm ferħan bil-festa tagħna għax naf tajjeb li permezz tal-festa ta' Sant' Antnin qegħdin naqgħdu l-Komunita' nisranija taz-zona tagħna flimkien. Lil dawk li gew minn postijiet oħra ngħidilhom li sabu festa oħra, festa ta' QADDIS KBIR U HELU: SANT' ANTNIN TA' PADOVA.

L-għan principali tal-festa hu li kull membru tal-familji kollha jaħsbu ftit aktar mis-soltu f'ruħhom billi jersqu lejn is-Sagramenti matul iż-żmien tal-festa. Għan ieħor hu li nnisslu devozzjoni lejn Sant' Antnin: il-QADDIS TAL-MIRAKLI.

Nixtieq nipprofitta ruhi wkoll minn dan il-programm biex niringrazzja minn qalbi lil kulħadd li b'mod jew ieħor għenuna biex din il-festa tkompli tikber.

Jalla Sant' Antnin jagħti lill Kulħadd il-grazzi kollha meħtiega kemm fir-ruħ u kemm fil-gisem.



# *MANUEL'S*

AUTO PARTS AND ACCESSORIES

~~WYNN'S OIL ADDITIVES~~ REDEX OIL & PETROL ADDITIVES —

— TURTLE WAX PRODUCTS

AND A VARIETY OF PARTS AND ACCESSORIES —

35C, MANNARINO ROAD, B' KARA

Telephone: 43773/4~~2342~~

## A First Class Shooter....

## Needs A First Class Shotgun

## Franchi is The Shotgun For You

FROM: **THE PELICAN**

**B'KARA**



# IL-KUMITAT TAL-FESTA 1976

*Min hu midħla tal-knisja tagħna jaf tajjeb li l-festa ta' Sant' Antnin minn żmien ilu kellha min jieħu ħsiebha. Jiena stess għadni niftakar liema ħeġġa kienu jippreparaw għaliha. Izda dak iż-żmien kien isir kollox individwali. Ftit kien hemm ħsieb ta' kumitat. Imma meta hemm l-imħabba għal xi ħaga, il-ħaga tikber u tibda' tieħu xejriet differenti minn dawk ta' meta tkun tifel. Tant hu hekk li llum naraw KUMITAT maqgħud flimkien b'għan wieħed li jaħdem għall-festa mhux għal qliegħ tal-flus f'buthom, imma jaħdmu b'imħabba kbira u b'sagriffiċji personali.*

*Jiena rrid minn qiegħ qalbi nirringrażżja lil kulhadd għax kemm il-kbar u kemm iż-żgħar kollha ħadmu kemm setgħu.*

| | |
|---|---|
| PRESIDENT | P. Alfred Calleja |
| V/PRESIDENT | Richard Kind |
| SEGRETARJU | Victor Mizzi |
| KAXXIER | Lolly Camilleri |

## Membri

| | |
|---|---|
| Godwin Debono | Joe Xerri |
| Ocar Debono | Charles Gambin |
| Ġuzi Debono | Charlie Camilleri |
| Twanny Xuereb | Raymond Vella |
| Ninu Camilleri | Joe Vella |
| Ninu Galea | Charlie Schembri |
| Gużi Xerri | Carmel Cumbo |

# Coleiro General Sales Ltd.

12, Mannarino Road — B'KARA

Sole Agents for:

# WELLWORTHY

## Pistons, Liners, Kit Sets & Rings

## A. E.

## Engine Bearings, Valves & Oil Seals

TEL. No. 42255

Jekk tridu issibu affarijiet ta' varjeta ta' Deheb, Fidda Antika u Moderna, varjeta ta' Arloġġi; Camy ~~Technos~~ ROAMER, ~~Rotary~~ u Seiko; Crystal Alpacca u Silver Plate.

Irrikorru Għand

## Antique Jewellery

## Alfred Busuttil

## 449, Fleur de Lys Road,

## B'Kara

Tel 42246

# Lil Sant' Antnin Ta' Padwa

## F'JUM L-GĦID TIEGĦU 26 TA' GUNJU 1976

B' dedika lil Ninu Camilleri
li tant iħobb lill-qaddis t'ismu

Kull meta jasal Gunju
ix-xahar ta' l-itwal dija
li jagħmel sema safi
u granet sbieħ sajfija.

Iwəssal l-għid imqaddes
ta' dan il-Franġiskan
li jhobb lill-qlub ifarraġ
bit-talb tiegħu setgħan.

U beda jħobb lill proxxmu
minn naqra ta' żagħżugħ,
kull fejn lemaħ in-niket
mar biex jixxotta d-dmugħ.

Narawh idur bil-morda,
bil-foqra u bl-iltiema
u jiġri wara l-midneb
ha' jreġġgħu għall-indiema.

Narawh fil-bliet Taljani
maħkuma mix-xitan
ixandar il-vanġelu
bla biża w bla serħan.

Mhux biss minn fuq il-pulptu
fl-għelieqi u fit-triqat
ippriedka l kelma t'Alla
w għamel l-appostolat.

U reġa niżżel fuqhom
il-barka tas-smewwiet
għax fejn dal-qaddis jersaq
ibiegħed kull inkwiet.

F'kull paġna ta' l-istorja
insibu l-Sant' Antnin
qed jagħmel il-mirakli
u jfarraġ 'l imnikktin.

U l-eqqel mard li fejjaq
li jtellef l-aqwa sliem
il-mard tar-ruħ li jeqred
il-ħajja ta' bla tmiem.

Għalhekk fin-niket tagħna
jekk lejh nersqu bil-qima
terġa fuq wiċċna mdallam
titnissel it-tbissima.

FRANS XUEREB

# PROGRAMM

TAL-FESTA TA' **SANT' ANTNIN TA' PADOVA** BIRKIRKARA 1976

**Il-Ħadd 20 ta' Ġunju**

10 a.m. Ħruġ ta' l-Istatwa ta' Sant' Antnin minn-niċċa.

**l-Erbgħa 23 ta' Ġunju Jum dedikat għall-Abbatini**

7.00 p.m. Quddiesa bil-kant; Iċ-Ċelebrant u l-Predikatur ser ikun il-W. Rev. Kan. Dun Ġwann Borg. Wara l-Vanġelu jkun hemm il-VESTIZZJONI SOLENNI tal-ABBATINI. Innu Antifona u Celebrazzjoni Ewkaristika.

**Il-Ħamis 24 ta' Ġunju Jum dedikat lit-Tfal Inkapaċitati u lill Morda**

7.00 p.m. Quddiesa bil-kant; Iċ Ċelebrant u l-Predikatur ser ikun il-W. Rev. Mons Mikiel Azzopardi. Grupp ta' tfal inkapaċitati mid-Dar Papa Ġiovanni tas-Siġġiewi se jkunu preżenti. Innu, Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

Il-Kant tal-Erbgħa u l-Ħamis se jsir mis-St. Francis Choir tal-knisja tagħna.

8.00 p.m. 'SLIEMA BAND' tagħmel Marċ mat-toroq: St. Mary Street; Fuq il-pont; Msida Street. Il-Banda ser takkumpanja l-Istatwa ta' Sant' Antnin ta' barra.

**Il-Ġimgħa 25 ta' Ġunju Lejtliet il-Festa Jum dedikat għall Iltiema ta' l-Istituti**

6.45 p.m. Translazzjoni Solenni tar-Relikwa ta' Sant' Antnin; Quddiesa bil-kant; Il-Funzjoni, il-Quddiesa u l-Priedka ser isiru mill-W. Rev. Mons Lorenzo Zammit, Penitenzier tal Kattidral. Innu. Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

Il-Quddiesa u l-kant se jkun f'idejn iż-żgħażagħ ta' 'KOLBE CLUB'. Wara l-quddiesa ż-żgħażagħ tagħna ser jagħmlu riċeviment lit-tfal.

8.00 p.m. 'Duke of Connaught Own Band' tagħmel Marċ brijus minn Mannarino Road; Dun Filippu Borg Street, Psaila Street; Sacred Heart Street; St. Roque Street u Msida Street. Wara l-Marċ ĦRUQ ta' set ta' Murtali tal-Kulur - Wara logħol tan-nar ħdejn il-knisja maħdum minn Ġanni Vella tal-Imġarr. - Kaxxa nfernali tal-kulur.

**Is-Sibt 26 ta' Ġunju Jum il-Festa**

6.00 a.m. - 6.45 a.m. - 7.30 a.m. Quddies Lett.

7.00 p.m. Quddiesa Kantata bil-Priedka mill-W. Rev.Provinċjal P. Elija Vella O.F.M. Conv.

Wara l-Quddiesa Tberik tat-Tfal.

7.45. p.m. Purċissjoni Solenni bl-Istatwa tal-Qaddis.

'St. Helen Own Band' ser takkompanja fil-purċissjoni. It-toroq tal-purċissjoni huma: Fuq il-Pont; Cane Street; Sacred Heart Street, Mannarino Road; St. Roque Street u Msida Street.

Il-kant fil-quddiesa ser jsir mis-St. Francis Choir, Valletta, taħt it-tmexxija ta' P. Tumas Moore OFM Conv.

'St. Helen Own Band' wara l-purċissjoni ser tagħmel MARĊ Brijus fi Msida Street.

● Il-ħruq tal-Murtali u Murtaletti waqt il-Funzjonijiet kollha tal-Festa mħadem mis-Sinjuri: Kustanz Mifsud, Salvu Grima u Leli Borġ.

*Għeżież ħbieb tagħna, waslet il-festa ta' Sant' Antnin. Jiena bħala Segretarju tal-Kumitat nixtieq inwassal l-Awguri tiegħi lil dawk kollha li ħadmu magħna matul din is-sena. Irrid nuri l-apprezzament tiegħi lill-Kumitat kollu tax-xogħol kbir li għamel. Jalla kulħadd jifehem sewwa li l-festa tagħna għandha skop tajjeb ta' ĠID u GĦAQDA bejn s-sekulari kollha mal-Komunita tal-Patrijiet li naħdmu magħhom.*

**VIVA SANT' ANT IN**

Victor Mizzi
Segretarju


TEACHER'S
The cream of Highland whiskies

# OPRI GODDA



Il-festa ta' Sant' Antnin qegħdha dejjem tikber u titqawwa. Xiedha ta' dan huma l-opri ġodda li sejrin jiżanżnu din is-sena.

- Nibdew bin-nicca l-ġdida. Din l-Opra hija mħallsa minn SALVU (illum mejjet) u MARIJA Cardona flimkien mal-familja. Salvu ma kellux ix-xorti li jaraha lesta. Minħabba xi diffikultajiet damet ma waslet. Imma issa lesta u kulħadd jista' jgawdiha. Ngħidu talba żgħira għar-ruħ Salvu.
- Opra oħra hija l-PEDISTALL indurat għall Istatwa ta' Sant' Antnin. Din hija opra kbira li ser tkompli żżejjen lill-Sant' Antnin. Iżda ngħidulkom li l-pedistall ser jiżżanżan is-sena iddieħla ma' l-ISTATWA l-Ġdida ta' Sant' Antnin.
- Inħabbrulkom b'qalbna ferħana li ġiet ordnata STATWA ĠDIDA ta' Sant' Antnin. Din hija OPRA Artistika; xogħol tal-injam mill-famuż artist: Signor Gualtero Luisi ta' PietraSanta, fl-Italja. Nittamaw li ftit xhur oħra tkun magħna
Minn qalbna rridu niżżuħajr lill-Benefatturi li huma: RICHARD u MARY KIND flimkien mal-familja. 'L quddiem nitkellmu aħjar fuq dan...
- Saru wkoll SET ta' Pavaljuni ġodda għall-Mannarino Road; Ser jiżżanżnu 4 Bandalori għal quddiem il-knisja. Żewġ Anġli; ġodda għal quddiem il-knisja. Set ta' 20 Arma ġodda bil-pilandri tagħhom;
- 50 Bandiera għall-Armi.
- Nixtieq nirringrazzja lill-ħajjata ħbieb u benefatturi tagħna; Miss Stella Sammut; Mr. Charles u Anna Spiteri; Mr. Godwin u Cathrine Debono; Mrs. Concetta Debono u Miss Doris u Rita Micallef.

# The singular choice of gentlemen the world over



## Zjara lil Sant' Antnin ta' Padova

**B'qima lill Patri Alfred Calleja O.F.M., Konv.**

Il-lum ġejt hawn biex nagħmillek diż-żjara
O tal-mirakli qaddis Franġiskan,
ha' nkompli nħeġġeġ u nkattar iż-żrara
u minnek nikseb ta' qalbi s-serħan.



Għax meta nitlob quddiemek bil-ħrara,
int talbi twassal għand l-aqwa Sultan;
u minn dal-maqdes f'subborg B'kara
tagħmilni bniedem kuntent u ferħan.

O Ferdinandu ż-żagħżugħ ta' Liżbona
li ġejt mibdul f'sacerdot oratur
kif minnek ried Aila u fik iddispona.

Ħallini nżurek sikwit tul is-sena
biex miegħek nafda ta' qalbi l-mistur
u t-tiġrif kollu naraħ qed jinbena.

FRANS XUEREB.


**KERAMIT**

**Builders & Plumbers Merchants il-Wied, Birkirkara**

Fejn issibu **Banjijiet Kuluriti, Friskaturi tal-Wiċċ, W.C. Żebgħa ta' l-ilma u Madum Ikkulurit**

**4, Old Church Street, B'Kara**

TOĦORĠU BI PREZZIJIET KONVENJENTI, Tel. 42336




# ELETTROSTOP

**For Complete Protection Against Electrical Dangers such as**

**SHOCK — FIRE — OVERLOAD — SHORT CIRCUIT**
**Earth Leakage Trip, 25 Milliamp (.025 amps)**
**Load from 16 to 63 Amps.**

Sole Agents:—

## E. CALLEJA & SONS,

**7/444, FLEUR-DE-LYS ROAD, B'KARA. Tel: 40341 (2 lines)**
CLOSING TIME at 7 p.m. SATURDAYS at 1 p.m.

August open mornings only

# MARY'S HOUSE

Castille Place Valletta
Malta

FOR VARIOUS KINDS OF

BRASS KNOCKERS ✠ MALTESE DGĦAJSA
KARROZZIN ✠ MALTA LACE ✠ SOUVENIRS
MALTA WEAVE ✠ GIFTS

WE DEVELOPE ALL KINDS OF FILMS

# *FIRST & LAST STORE*

17, MSIDA STREET
B'KARA

*For Various Kinds of Gifts for Every Occasion*

HOUSEHOLD GOODS OF
EVERY KIND

# F. BUSUTTIL

IRONMONGERY

*Specialised in*

FRAMEMAKING

6 & 115 MANNARINO ROAD,
B'KARA
TEL. 44615

IFFRANKA
L-FLUS

Ix-xarba
favorita
tieghek
issa
fi flixkun
KBIR

( 10oz BOTTLE )

KINNIE

L-AKTAR
XARBA
POPOLARI
F'MALTA

